MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Rikors Numru. 1595/2004/1

***Andreas Wilhelm Gerdes***

***Versus***

***Bettina Vossberg***

1. Dwar it-talba ghall-hrug tal-mandat:

Il-qorti, rat illi l-kwistjoni ewlenija bejn il-partijiet hija dwar jekk il-paragrafu 2(d)(v) tal-kuntratt tat-22 ta' Awissu, 2002, jghoddx ghall-hlasijiet maghmula mill-Perikles Trust wara d-data tal-kuntratt jew ukoll ghall-hlasijiet maghmula qabel.

Billi fil-fehma tal-qorti din hija kwistjoni illi m'ghandhiex tigi deciza fuq bazi biss prima facie, f'dan l-istadju ma hux ragonevoli illi r-rikorrent ma jithalliex jikkawtela l-pretensjoni tieghu bil-hrug tal-mandat, ghalhekk tilqa' t-talba ghall-hrug tal-mandat.

2. Dwar il-konto-talba

Il-qorti, rat illi l-intimata ghamlet il-kontro-talba taghha fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili meta l-qorti li harget il-mandat kienet il-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja u ghalhekk il-kontro-talba kien imissha saret quddiem dik il-qorti u mhux quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, ghalhekk ma tqisx il-kontro-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------